MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 10/2008

**Montaldo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati taghha Marvin Mifsud u Liliana Mifsud, u l-istess Marvin Mifsud u Liliana Mifsud**

**vs**

**Joseph Spiteri u b'digreit tat-8 ta' Jannar, 2007 giet kjamata in kawza Elmo Insurance Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru, 2008, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

**"***Preliminari*

1. Dan l-Arbitragg jirrigwarda incident stradali li gara fit-13 t'April 2003, ghall-habta tas-7.30 p.m., fi Triq il-Labour, Zejtun. Kienu involuti tliet vetturi - Hyundai Excel numru tar-registrazzjoni EAV-163 misjuqa mill-intimat, Opel Corsa numru tar-registrazzjoni AAF-749 propjeta ta' Liliana Mifsud u Opel Astra numru tar-registrazzjoni UVE-118 propjeta ta1 Marvin Mifsud.

2. Il-fatti, skond ir-rikorrenti, kienu s-segwenti:

*- The motor accident occurred in Triq il-Labour, Zejtun, on the 13th April 2003 at 19.30. Three vehicles were involved in the incident: EAV-163 owned and driven by the respondent Joseph Spiteri; the parked vehicle AAF-749 owned by claimant Liliana Mifsud; and the parked vehicle UVE-118 owned by claimant Marvin Mifsud.*

*- The accident and its consequences were solely due to the fault of respondent, because of his failure to act with the prudence, diligence and attention of a bonus paterfamilias together with his lack of care and non-observance of traffic regulations.*

*- As a direct effect of the accident, claimants sustained damages amounting to Lm4,031.11.*

3. Illi permezz ta' dan l-Arbitragg ir-rikorrenti qed jitolbu:

*i. Declaration of sole responsibility of respondent for the motor accident in question and for all the resultant and consequential damages sustained by claimants on the part of respondent.*

*ii. Liquidation of claimants' damages in the total amount mentioned above.*

*iii. Order and condemn respondent to pay claimants the total amount of damages mentioned above.*

*iv. Order and condemn respondent to pay all costs, expenses and fees relating to the Arbitration, together with the costs of the judicial letter to respondent's insurers filed on the March 2005.*

*v. Order and condemn respondent to pay legal interest on the quantum of damages liquidated with effect from the date of accident until final payment.*

4. Fl-'Statement of Defence' tieghu l-intimat irrisponda billi qal:

*i. Illi preliminarjament, it-talba kif dedotta fil-konfront tal-mittenti hija preskritta ai termini* ta' *l-Artikolu 2153 tal-Kap 16;*

*ii. fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess l-incident stradali odjern ma sehhx in konsegwenza ta' tort attribwibbli lil konvenut.*

5. Illi, fit-3 t'Ottubru 2006, Montaldo Insurance Agency Limited nomine ipprezentat rikors fic-Centru Malti ghall-Arbitragg fejn talbet illi:

*a. Tigi kkjamata in kawza s-socjeta Elmo Insurance Agency Ltd (assikurazzjoni ta' l-intimat) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance, ai termini tas-sub-regola 8 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda tal-Kap 387.*

*b. Dan l-Arbitru jiddikjara li kull eventwali Award tieghu tkun ezegwibbli kontra s-socjeta Elmo Insurance Agency Ltd (C-22472) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance, u dan ai termini tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 9A tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. Illi b'Digriet tieghu l-Arbitru sottofirmat:

a. Laqa’ l-ewwel talba u ordna li tigi kjamata fil-procedura ta' l-Arbitragg Elmo Insurance Agency Ltd (C-22472) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance; u

b. Irriserva li jipprovdi dwar it-tieni talba fl-award ta' l-Arbitragg.

7. Fir-Risposta taghha, il-kjamata fil-kawza Elmo Insurance Limited irrispondiet:

*i. <u>Preliminarjament,</u> l-esponenti mhix il-legittima kontradittur tar-rikorrenti. Il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti huwa biss l-intimat.*

*ii. Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi ta' l-incident, l-esponenti ghandha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tghid li ghalkemm fil-waqt ta' l-incident il-vettura Nru EAV-163 kienet minnha assikurata, l-intimat, li kien qed isuq l-istess vettura fil-waqt ta' l-incident, kiser il-kondizzjonijiet tal-polza u mar kontra l-obbligi tieghu skond l-istess polza. Ghalhekk l-intimat huwa prekluz milli jinvoka l-istess polza sabiex tkopri kwalsiasi obbligu tieghu naxxenti mill-istess incident.*

*iii. <u>Bla pregudizzju ghall-premess,</u> l-esponenti tghid li jekk jirrizulta li <u>unikament</u> minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta tkun obbligata taghmel tajjeb versu r-rikorrenti ghar-rigward ta' danni, imghax u spejjez fil-kaz li l-proceduri odjerni jkollhom esitu sfavorevoli ghall-intimat, allura hija jkollha thallas lir-rikorrenti salv id-dritt ta' rivalsa taghha kontra l-istess intimat ghal kull esbors erogat minnha. Fil-fatt ir-rikorrenti diga` avzat b'dan lill-intimat permezz ta’ ittra ufficjali taghha tas-16 ta' Mejju 2005.*

*iv. <u>Bla pregudizzju għall-permess,</u> ir-rikorrenti jridu jġibu l-prova tal-ħtija għall-incident awtomobilistiku de quo, liema prova tinkombi lilhom skond il-ligi.*

*v. Fejn jirrigwarda l-esponeti ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti. <u>Bla pregudizzju għall-premess</u> u fi kwalunkwe kaz, il-quantum tad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti huwa kontestat u għaldaqstant għandu jiġi pruvat skond il-ligi.*

*vi. Ma hemmx lok għall-kundanna ta' l-esponenti għall-ħlas ta' danni favur ir-rikorrenti.*

*vii. Salvi eccezzjonijiet oħra permessi mil-ligi u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

8. Illi l-Arbitru sottofirmat zamm **sittax-il seduta** li fihom xehdu: Joseph Cassar rapprezentant ta' Montaldo Insurance Agency; ir-rikorrenti Liliana Mifsud; John Cassar; Ex PS 808 Nazzareno Sammut; WPC 191 Marika Borg; u Joseph Spiteri (intimat).

9. Waqt is-seduti, gew prezentati numru ta' dokumenti:

Dok $C_1$ sa $C_5$ - Rapport tal-Pulizija u kopja ta' l-isketch ta' l-incident maħrug mill-istess Pulizija.
Dok $C_6$ - 'Expenses' fuq il-karrozza UVE-118.
Dok $C_7$ - Lista ta' l-expenses fuq il-karrozza AAF-749.
Dok $DD_1$ sa $DD_{18}$ - Kopji ta' ricevuti mħallsa mill-assikurazzjoni biex issewwiet il-karrozza UVE-118, kif ukoll il-loss of use ta' l-istess karrozza sakemm issewwiet.
Dok $BB_1$ sa $BB_4$ - Spejjez biex issew\viet il-karrozza AAF-749.

Dok BB5 Kopja ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Marzu 2005 lil Joseph Spiteri u Elmo Insurance Agency Ltd.
Dok NS - Kopja tar-rapport li dahhal Ex PS 808 Nazzareno Sammut fir-records ta’ l-Ghassa.
Dok $Jc_1$ sa $JC_2$ - Minute sheet fil-file tal-motor claim rigwardanti l-claim partikolari
Dok MB - Kopja fotostatika ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Sede Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v Joseph Spiteri"
DokJZM - Kopja legali ta’ ittra ufficjali mibghuta lill-intimat minn Elmo Insurance Limited

*Provi*

10. Illi mill-provi prodotti jirrizulta:

- Illi s-socjeta rikorrenti pprezentat ittra ufficjali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta’ Marzu 2005, kontra l-intimat Joseph Spiteri u Elmo Insurance Agency Ltd.

- Illi din l-ittra giet notifikata lil Elmo Insurance (assikuratrici ta’ l-intimat) pero ma hemmx prova jekk din gietx notifikata lill-intimat. Illi, fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2007, l-Arbitru sottofirmat attira l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni prezentata mill-intimat u b'mod partikolari ghall-kopja ta’ l-ittra ufficjali prezentata mir-rikorrenti li ma hix kopja legali, u ghall-fatt li jonqos xi riferti tan-notifika.

11. Illi Joseph Cassar, Claims Handler tas-socjeta rikorrenti, fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2008, xehed hekk:

"*Jiena senior claims handler ghas-socjeta rikorrenti. Nesibixxi bhala dokumenti JC1 u JC2 minute sheet fil-file tal-motor claim rigwardanti l-claim partikolari, fejn jien nizzilt nota dwar telefonata li ghamilt ma’ John Cassar tal-motor claims ta’ Elmo Insurance. Dakinhar gie konfermat*

*illi l-Elmo Insurance kienu rcevew l-ittra ufficjali taghna tal-15 ta' Marzu 2005.*

*Id-data tal-minute note hija 2/10/06. Fl-istess telefonata John Cassar ikkonfermali illi huma kienu baghtu ittra ufficjali, da parti taghhom, lill-klijent taghhom Joseph Spiteri.*

*L'Elmo baghtu risposta ghall-ittra ufficjali b'ittra bonarja ta' Dr Joseph Zammit McKeon. M'ghandix kopja on file. Pero 4/10/06 ircevejt bil-fax kopja ta' l-ittra ufficjali taghna minghand l-Elmo Insurance.*

*Meta tlabna kopja legali ta' l-ittra ufficjali bin-notifika mill-Qorti, qalulna illi d-dokument originali ma hux f'postu. B'hekk ma nistghux nitolbu kopja tieghu."*

12. L-intimat isostni illi hu qatt ma rceva l-ittra ufficjali li baghtitlu s-socjeta rikorrenti. Fis-seduta tat-23 t'April 2008 hu xehed hekk:

"*Qed nigi muri l-ittra ufficjali Dok JCO2 u niddikjara illi jiena qatt ma rcevejt dik l-ittra mill-Qorti id-dar tieghi. Ma rcevejtha qatt u imkien. Jiena ma nafx naqra u l-mara tieghi taqrali kull ittra li nircevi. Din qatt ma waslet ghandi."*

13. Fl-istess seduta tat-23 t'April 2008, l-intimat gie muri ittra ufficjali li ntbaghtet lilu mill-Elmo Insurance Limited (prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Mejju 2005), fejn is-socjeta kjamata in kawza avzatu illi hi kellha bizzejjed evidenza illi hu kiser il-kundizzjonijiet tal-polza u gharrfitu bl-ittra ufficjali tas-socjeta rikorrenti.

Meta gie muri din l-ittra ufficjali l-intimat stqarr hekk:

*"Qed nigi muri dokument gdid Dok JZM li hu kopja legali ta' ittra ufficjali mibghuta lili minn Elmo*

*Insurance Limited u nghid li ghalkemm jidher li hemm il-firma ta' marti u l-ID Card taghha fuq l-istess dokument - bhala ricevuta - irrid nivverifika mal-mara tieghi biex nara jekk ircevejthiex."*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

14. Fl-ewwel lok l-Arbitru sottofirmat ser jikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni sollevata mill-intimat a bazi ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fil-konsiderazzjoni ta' din l-eccezzjoni, huma rilevanti l-Artikoli 2111, 2112, 2128, 2153 u 2154 tal-Kodici Civili, u b'referenza ghal dan l-Artikolu ta' l-ahhar huwa rilevanti wkoll l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali.

15. Mill-provi jirrizulta illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta’ Mejju 2005 l-intimat gie misjub hati mill-istess Qorti talli (1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta’ vettura Nru EAV-163 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kientx f’kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi, (2) u aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampun ta’ l-urina - Artikolu 15 A u 15 E *(Dok MB).*

16. L-Artikolu 15H (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi hekk:

*"Kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet ta' l-artikoli 15A u 15B tkun hatja ta' reat u meta tinsab hatja ta' reat bhal dak jew ta' reat taht l-artikolu 15E(4) tehel -*

*(a) fil-kaz ta' l-ewwel kundanna multa ta' mhux anqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) jew prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien;"*

17. B'hekk l-Arbitru sottofirmat hu tal-fehma illi fir-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata

mill-intimat, peress illi fil-kaz in ezami d-danni reklamati mill-assikurazzjoni rikorrenti joriginaw minn reat, li tieghu l-intimat gie misjub hati mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati, huma applikabbli l-provvedimenti ta' l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili li jistipula illi f'kaz bhal dan tapplika l-preskrizzjoni li tirrizulta mill-Kodici Kriminali relativa ghar-reat li tieghu l-intimat instab hati.

18. L-Artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali jistipula hekk:

*"Bla hsara ta' fejn il-ligi tiddisponi xort'ohra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni:*

*(e) bl-eghluq ta' sentejn ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;"*

19. B'hekk, ir-reat li tieghu nstab hati l-intimat huwa soggett ghal perjodu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni, anki civili, b'gheluq ta' sentejn minn meta jsir ir-reat.

Dan sakemm il-perjodu ta' preskrizzjoni ma jigix regolarment interrott.

20. L-Arbitru ezamina l-Atti kollha. Jirrizulta illi l-incident in ezami gara fit-13 t'April 2003. Dan l-Arbitragg gie prezentat fl-14 ta' Lulju 2005, cioe meta kien skada l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni, stipulat fl-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili b'referenza ghall-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali.

Irid ghalhekk jigi ezaminat jekk saritx xi interrruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni.

21. Is-socjeta assikuratrici rikorrenti ma gabitx prova li interrompiet il-perjodu ta' preskrizzjoni fil-konfront ta1 l-intimat fiz-zmien stipulat mill-ligi billi

ghalkemm jirrizluta li giet prezentata ittra ufficjali fil-15 ta1 Marzu 2005 ma jirrizultax illi din giet notifikata lill-intimat. L-intimat cahad li qatt irceviha u s-socjeta rikorrenti ma ghandhiex prova li l-istess ittra giet notifikata lill-intimat.

22. Illi ghalhekk hi applikabbli ghall-kaz prezenti, il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni taht l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili, b'referenza ghall-Artikou 688(e) tal-Kodici Kriminali, billi s-socjeta rikorrenti naqset li tipprezenta t-talba taghha ghar-risarciment fi zmien sentejn minn meta gara l-incident u naqset ukoll li tinterrompi regolament il-perjodu tal-preskrizzjoni.

23. Il-fatt illi s-socjeta rikorrenti innotifikat bl-imsemmija ittra ufficjali lill-assikurazzjoni ta’ l-intimat, illum kjamata fil-kawza, ma jinfluwenzax it-telf effettiv tad-dritt ta' azzjoni minhabba l-preskrizzjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat.

24. Barra hekk, f’dan il-kaz in-notifika tal-precitata ittra ufficjali lill-assikurazzjoni ta' l-intimat (kjamata fil-kawza), ma tirradikax ebda dritt kontra l-istess assikurazzjoni ghar-risarciment tad-danni li qed jigu reklamati. Dana peress illi, biex tali notifika seta' jkollha l-effett legali mixtieq, kien mehtieg illi l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni jigi interrott fl-ewwel lok fil-konfront tad-debitur principali.

Biss jekk il-preskrizzjoni kienet tigi interrotta fil-konfront tad-debitur principali kienet tigi wkoll interrotta fil-konfront tal-garanti, imma mhux vici-versa. [Ara Artikolu 2135 tal-Kodici Civili].

25. Illi s-sottomissjonijiet legali tas-socjeta rikorrenti, fil-konfront tal-prezunta responsabbilta tas-socjeta kjamata fil-kawza, abbazi tal-ligi prezentement in vigore, fil-fehema ta' l-arbitru, fil-kaz prezenti, huma ghal kollox irrelevanti principalment minhabba l-fatt li tali provvedimenti

legali dahlu fis-sehh ferm wara li gara l-incident meritu ta' dan l-Arbitragg.

26. Illi konsegwentement it-talba tas-socjeta assikuratrici rikorrenti qed tigi michuda in kwantu preskritta a bazi ta’ l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili.

27. Stante din id-decizjoni, ma hux mehtieg li l-Arbitru sottofirmat jikkonsidra ulterjorment (1) id-danni reklamati mir-rikorrenti u (2) l-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mis-socjeta assikuratrici kjamata fil-kawza.

28. Jibqa' pero li tigi deciza t-tieni talba fir-rikors tas-socjeta assikuratrici rikorrenti, prezentat fit-3 t'Ottubru 2006, li biha l-arbitru gie mitlub jiddikjara illi kull eventwali award f'dan l-Arbitragg ikun ezegwibbli kontra s-socjeta Elmo Insurance Agency Ltd, fil-vesti taghha f'dawn il-proceduri.

29. L-Arbitru sottofirmat ra l-istess talba, ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet interessati fir-rigward u b'mod partikolari l-gurisprudenza citata, ra d-decizjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni tad-dritt ta’ azzjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat, moghtija f'dan l-Award;

Billi fl-Award sostantiv f'dan l-Arbitragg it-talbiet tas-socjeta assikuratrici rikorrenti gew michuda, jirrizulta illi t-tieni talba mressqa b'rikors tat-3 t'Ottubru 2006, m'ghandhiex aktar rilevanza. Ghalhekk l-arbitru jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni taghha.

*RIKAPITULAZZJONI*

30. L-Arbitru ghalhekk jaqta' u jiddeciedi:

i. Illi it-talba tas-socjeta assikuratrici rikorrenti qed tigi michuda in kwantu preskritta a bazi ta' l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili.

ii. Illi l-ispejjez ta' dan l-Arbitragg ghandhom jithallsu mir-rikorrenti."

L-appell tas-socjeta` assiguratrici rikorrenti hu bazat b'mod generali fuq l-obbjezzjoni illi s-sentenza impunjata tikkontjeni interpretazzjoni u applikazzjoni errata tal-ligi mill-Arbitru nominat. In partikolari, is-socjeta` appellanti tirrediegi l-impunjattiva taghha b'dawn l-ilmenti:-

(1) L-Arbitru ma setax *marte proprio* ifittex liema terminu preskrittiv kien applikabbli ghall-fattispeci. Meta ghamel hekk hu gie li vvjola d-dispost ta' l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili;

(2) L-Arbitru ma kellux japplika l-provvediment ta' l-Artikolu 2135 biex jirraguna illi la ma nkisretx il-preskrizzjoni di fronte ghall-appellat Joseph Spiteri, *ergo* tali ragonament kellu jkun applikabbli wkoll di fronte ghas-socjeta` assiguratrici kjamata fil-kawza *qua* garanti ta' l-imsemmi Joseph Spiteri, debitur taghha;

(3) Fl-istat prezenti tal-ligi (Kapitolu 104) l-Artikolu 9A jipprovdi ghall-azzjoni diretta fil-konfront ta' l-assigurazzjoni tat-terz danneggjant u, allura, indipendentement mid-data li fih sehh l-incident, l-istharrig ta' min hu l-legittimu kontradittur, imqanqla din il-materja mis-socjeta` kjamata in kawza, ried isir biss b'referenza ghad-data li fih gie intavolat l-arbitragg. F'dan il-kuntest jissokta jigi argomentat mis-socjeta` appellanti illi l-legislatur ried li d-dritt ta' azzjoni kontenut fl-Artikolu 9A jigi rez applikabbli minnufih fir-rigward tal-proceduri kollha attivati wara d-data tad-dhul fis-sehh ta' l-imsemmi artikolu fl-1 ta' Mejju, 2004 (Avviz Legali 92/2004);

(4) Is-socjeta` assiguratrici ma tistax tehles mill-obbligi taghha skond il-polza fil-konfront tat-terzi billi sempliciment tikkampa ruhha fuq ksur ta' xi kondizzjoni ta' l-istess polza biex tehles mill-obbligu legali fil-konfront taghha;

Ghal dan l-appell irrisponda l-intimat Joseph Spiteri bis-sottomissjoni generali illi s-sentenza hi gusta. F'kull kaz huwa ssolleva b'eccezzjoni l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni skond l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili;

Minn dak li jemergi mill-ewwel kap ta' aggravju s-socjeta` appellanti qeghda tiddenunzja l-lodo ta' l-Arbitru bil-motiv illi dan jikkontjeni difett ta' dritt sostanzjali u tali jikkostitwixxi dak il-"punt ta' ligi" ghal liema hu konsentit appell lil din il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 70A ta' l-Att dwar l-Arbitragg. B'dan l-aggravju s-socjeta` appellanti tippostula l-applikazzjoni zbaljata tal-kanoni tad-dritt f'materja ta' preskrizzjoni u dan, fil-fehma taghha, jirrendi l-lodo difettuz minhabba vjolazzjoni tal-ligi. L-ezami li jrid isir minn din il-Qorti hu dak tendenti biex jigi determinat jekk, in bazi ghall-assunt tas-socjeta` appellanti, jezistix da parti ta' l-Arbitru n-nuqqas lamentat tar-regola tad-dritt stabbilita fl-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili, li jipprovdi illi "l-qorti ma tistax taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata";

Korrettement interpretat, dan il-provvediment tal-ligi fil-Kodici Civili jfisser illi l-gudikant ma jistax joqghod ifittex il-fatti kostitutivi ghab-bazi ta' l-eccezzjoni in kwantu l-ligi tirrizerva dan lill-partijiet fil-kawza. Lanqas ma jista' *d'ufficio* jassumi dawk l-istess fatti fid-decizjoni bl-iskop li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk ma jkollux ebda deduzzjoni specifika f'dan is-sens. Hu dejjem fid-disponibilita` eskluziva tal-parti li tindividwa x-xorta tal-preskrizzjoni applikabbli skond xi wahda mill-ipotesijiet prevvisti mil-ligi. Fil-kaz li dik invokata ma tghoddx ghall-fattispeci, dmir il-gudikant hu dak li jiddikjara inammissibbli l-preskrizzjoni opposta u xejn aktar minn hekk., Hu, difatti, pacifikament insenjat illi "meta l-Qorti tirrigetta l-preskrizzjoni invokata minn min eccepiha, ma tistax tezamina jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra, salv li fi stadju ulterjuri tista' tigi sollevata kwalunkwe preskrizzjoni ohra *si et quatenus*" ("**Carmelo Sant *et* -vs- Fortunata Galea *et***", Appell Civili, 27 ta' Gunju, 1949). Il-ligi Taljana fuq il-punt hi fl-istess sens konformi ghal dik taghna. Fil-

konsiderazzjoni li taghmel il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana fuq il-portata ta’ l-Artikolu 2938 tal-Kodici Civili Taljan jinghad proprju illi, “*dal carattere dispositivo della prescrizione deriva, per la parte che propone la relativa eccezione, l’onere di tipizzarla in base ad una delle varie ipotesi previste dalla legge, ... viola pertanto il suddetto principio della corrispondenza tra il chiesto e il pronunciato, il giudice che applichi una prescrizione diversa da quella eccepita*” (**Cass. 7 ta’ Dicembru, 1996, Numru 10904**);

L-iskop ta’ l-ezistenza tad-disposizzjoni tal-ligi ezaminat ma ghandux joffri diffikolta.  Ir-raguni tal-preskrizzjoni tikkonsisti fil-manifestazzjoni tal-volonta` tal-parti li ggib ‘il quddiem l-estinzjoni ta’ l-azzjoni minhabba t-trapass taz-zmien.  Manifestazzjoni bhal din tappartjeni lill-patrimonju tad-drittijiet difensjonali tal-parti izda mhux ukoll tal-gudikant anke ghaliex dan mhux parti interessata fil-kontestazzjoni;

Affermat dan, ma jidherx li ghandu jkun hemm ombra ta’ dubbju illi l-Arbitru maghzul mill-partijiet ma osservax ir-regola tad-dritt fis-succitat provvediment tal-ligi.  L-unika eccezzjoni tal-preskrizzjoni sottomessa lilu mill-appellat Spiteri kienet dik fit-termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili applikabbli ghad-danni akwiljani, u mhux ukoll dik skond l-Artikolu 2154 ricerkata minnu.  Purament, minn din l-ottika l-aggravju huwa wiehed guridikament fondat;

Gara, pero` li f’din is-sede, l-appellat Spiteri ssolleva b’eccezzjoni l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2154 kif determinat mill-Arbitru.  Dritt dan rizervat lilu bis-sahha ta’ l-Artikolu 2112 tal-Kodici Civili li jipprovdi li “eccezzjoni bhal din tista’ tinghata f’kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell”.  Ara in mertu fuq dan il-punt, il-kummenti ta’ din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-20 ta’ Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet “**Gayle Scerri -vs- Eric Borg *et***”;

Naturalment, in linea ta' principju, la tqajmet din l-eccezzjoni preskrizzjonali d-dmir tal-Qorti hu li tinvestiha. Issa, ghalkemm fil-vicenda processwali l-Arbitru ma qaghadx fedelment ghar-regola tad-dritt, eppure mir-riskontru li ghamlet tad-deduzzjonijiet tieghu fil-lodo in mertu ghal din il-preskrizzjoni (Artikolu 2154), il-Qorti hi tal-fehma li r-ragonament maghmul hu ineccepibbli u, allura, mhux il-kaz li l-Qorti toqghod issa tirrepeti l-istess konsiderazzjonijiet affrontati u mfissra mill-Arbitru. *Del resto*, l-istess socjeta` appellanti ma tikkontestax il-validita` tas-sustanza ta' dawk il-konsiderazzjonijiet fuq dik il-preskrizzjoni partikolari, anke ghaliex hi illimitat ruhha biex tissindika difett tar-regola ta' dritt u mhux ukoll il-mertu tal-preskrizzjoni ghall-fattispeci. Ma jistax ukoll jisfuggi li jkun osservat illi, u apparti l-fondatezza ta' l-aggravju mill-perspettiva indagata u, ukoll, s'intendi, l-impatt taghha fuq il-kap ta' l-ispejjez, l-ebda beneficcju jew utilita` reali ma tista' fil-prattika takkwista s-socjeta` appellanti, sija taht il-preskrizzjoni l-wahda jew l-ohra, in kwantu fit-tnejn iz-zmien tal-preskrizzjoni hu dak ta' sentejn u fil-mankanza tan-notifika lil Spiteri bl-ittra ufficjali l-azzjoni kostitwita mill-arbitragg giet intavolata tardivament u oltre dan il-perijodu preskrittiv;

Strettament ukoll, mill-aspett purament guridiku tieghu anke t-tieni aggravju hu sostenibbli ghal raguni illi din il-Qorti ma tarax kif tista' taccetta l-proposizzjoni ta' l-Arbitru li jkunu estendibbli fil-konfront tas-socjeta` assiguratrici kjamata fil-kawza l-effetti liberatrici tal-preskrizzjoni in forza ta' xi supposta garanzija. Anke jekk f'sens wiesgha, sew l-assikurazzjoni kif ukoll il-fideiussjoni jassolvu funzjoni ta' garanzija u jinkorporaw fihom element ta' riskju, il-polizza ta' assikurazzjoni li tassumi r-riskju ghall-incident li fih ikun involut l-assigurat tassolvi funzjoni purament assikurattiva u mhux fideiussorja. Din il-polizza ma tassumi ebda konnotat ta' garanzija di fronte ghat-terz skond ma l-kuntratt relattiv ta' garanzija hu definit mill-Artikolu 1925 tal-Kodici Civili. L-assigurazzjoni ma tintrabat bl-ebda mod versu t-terz danneggjat li tissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' l-assigurat taghha. Kontra l-hlas tal-premium mill-assigurat, l-assiguratur jobbliga ruhu

kontrattwalment versu l-assigurat ghall-prestazzjoni eventwali fil-kaz li jsehh sinistru kopert bil-polza. Hu fil-konfini ta' dan u *rebus sic stantibus,* li l-assiguratur jaghmel tajjeb bil-hlas ta' l-indenniz. Jekk l-ezekuzzjoni ta' sentenza kontra l-assigurat setghet issir fil-konfront tal-kumpanija assiguratrici dan kien hekk possibbli bl-operat tal-ligi skond l-artikolu korrispondenti tal-Kapitolu 104, u mhux in forza ta' xi patt ta' garanzija;

Dan appena konsiderat ma jfisserx imbaghad illi s-socjeta` appellanti ghandha raguni fid-deduzzjoni taghha kostitwita mit-tielet motiv ta' aggravju. Kif gja kellha okkazjoni tirritjeni din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2007 in re: "**Untours Insurance Agents Limited *nomine* -vs- Elmo Insurance Limited**", la l-effetti ta' l-obbligazzjoni huma regolati bil-ligi li fih twieldet dik l-obbligazzjoni, l-emendi introdotti fil-Kapitolu 104 bl-Att XXX ta' l-2002, rezi applikabbli b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004, ma kellhomx posthom fil-kaz ta' incident anterjuri ghad-dhul in essere ta' dawk l-emendi u l-materja kellha tibqa' regolata bil-ligi kif kienet fil-waqt ta' l-incident;

Assolutament ma hemmx qbil ma' l-ispropozitu tas-socjeta` apellanti illi la l-emendi kkonferew dritt ta' azzjoni diretta kontra s-socjeta` assiguratrici tad-danneggjant, id-data ta' meta sehh l-incident ma kienet ta' ebda rilevanza. Veru li l-legislatur ma jghidx li l-azzjoni diretta kellha tapplika biss fir-rigward ta' incidenti li sehhew wara l-14 ta' Mejju, 2004. Lanqas pero` ma jghid il-kontra, ossija li kienu kolpiti wkoll l-incidenti anterjuri ghal din id-data. Hu sew guridiku kif ukoll logiku illi l-obbligu tar-rizarciment jitwieled mill-mument li fih isehh is-sinistru, u la f'dan il-kaz l-incident stradali sehh fit-13 ta' April, 2003 u, allura fi zmien anterjuri ghall-1 ta' Mejju, 2004, il-konnessjoni tieghu riedet tkun ma' l-istat tal-ligi kif kienet dakinhar li fih avvera. Huwa minnu illi l-assikuratur ma huwiex kostitwit *in mora ipso facto* ghall-fatt li sehh dak l-incident izda biss mill-mument li ssirlu rikjesta formali gudizzjarja ghall-hlas. Dan, imma, ma jistax lontanament jigi interpretat illi l-ligi applikabbli hi dik taz-zmien ta' l-ittra ufficjali jew ta' xi att

gudizzjarju iehor interrompenti l-preskrizzjoni ghax dejjem jibqa’ l-fatt illi l-ligi tikkonnetti ruhha mad-data tat-twelid tad-dritt, u din id-data mhix hlief dik li fiha gara l-incident;

Fl-istat tal-ligi kif kienet l-assiguratur tad-danneggjant ma kien taht ebda obbligu, avolja debitament notifikat b’ittra uifficcjali, illi jaghmel tajjeb ghall-hlas reklamat mit-terz danneggjat jew mill-assigurazzjoni tieghu, surrogata ghalih, meta jinstab li l-assigurat tieghu jkun kiser xi wahda mill-kondizzjonijiet tal-polza. Dan apparti, imbaghad, ir-riflessjoni importanti illi gjaladarba gie determinat illi ma kien hemm ebda azzjoni diretta kontra l-kumpanija assiguratrici msejha fil-kawza skond dak l-istat tal-ligi, u l-ebda rapport guridiku xort’ohra, mhux lanqas il-kaz li l-assiguratur jaghmel tajjeb ghar-rizarciment tad-danni meta l-azzjoni impernjata fuq dawn id-danni tinsab li hi preskritta di fronte ghall-assigurat u ma kienx hemm lanqas ebda assunzjoni tar-responsabilita` da parti ta’ l-assiguratur ghar-rizarciment ta’ dawk id-danni.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda finalment tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, salv li l-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza ghandhom, fic-cirkustanzi, jitbatew fil-proporzjon ta’ nofs kull wiehed bejn is-socjeta` assiguratrici appellanti u l-appellat Joseph Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------